MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 23/2003/1

**Noel Aquilina**

**vs**

**Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta’ Noel Aquilina fejn gie premess:-

Illi huwa wara investigazzjoni mill-intimat kien gie mtella l-Qorti u quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali gie akkuzat b’ diversi reati fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur C. Magri) vs Noel Aquilina (Awla 7).

Illi inizjalment matul dawk il-proceduri r-rikorrenti kien assistit minn avukat ta’ fiducja tieghu proprjament fis-

smiegh li sar fil-25 ta’ Novembru 2002. Izda mill-bqija tal-kontinwazzjoni tal-prosegwiment ta’ dawk il-proceduri huwa dejjem deher mhux assistit minn avukat jew prokuratur legali kif huwa ntitolat skond il-Kodici Kriminali (Kap 9) u l-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319).

Illi mill-inkartament ta’ dawn il-proceduri minkejja li r-rikorrenti kien jkun presenti fl-awla quddiem dik l-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh huwa dejjem deher mhux assistit u mill-inkartament ta’ dawk il-proceduri ma jidhirx li dik il-Qorti qatt hadet hsieb li tinnomina “ex officio” avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lir-rikorrenti. Illi lanqas ma jidher li r-rikorrenti qatt gie mitlub minn dik l-Ewwel Qorti jekk ridx li jigi nnominat “ex officio” avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassistih jew jekk ridx jaghzel li ma jkunx assistit.

Illi meta waqt is-smiegh ta’ dawk il-proceduri kriminali gie ppresentat lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali l-pre-sentencing report li rrikomanda terminu ta’ prigunerija, r-rikorrenti rega ma kkienx assistit u lanqas ma’ dik l-Onorabbli Qorti dehrilha li tinnomina hija stess “ex officio” avukat tal-Ghajnunha Legali halli jassisti lir-rikorrenti u jekk jkun hemm bzonn jittratta dak ir-rapport jew tal-anqas jkollu l-fakulta’ jistaqsi xi domandi lill-ufficjal li ghamel dak ir-rapport u dan mhux biss fl-interess tar-rikorrenti izda ukoll fl-interess tal-gustizzja.

Illi minkejja dan in-nuqqas li permezz tieghu r-rikorrenti ma kellu ebda assistenza legali kemm matul il-maggor parti ta’ dawk il-proceduri izda aktar u aktar f’ dak il-moment ferm importanti tal-proceduri kriminali meta kien r-rikorrenti kien jinghata d-dritt li jittratta l-kaz tieghu u l-pre-sentencing report, dik l-Ewwel Qorti ma dehriliex li kellha tistaqsi lir-rikorrenti jekk ridtx li jigi appuntat avukat tal-Ghajnuna Legali u lanqas ma jidher li gie mghajjat l-avukat ta’ fiducja tieghu sabiex jkun presenti u jekk jkun il-kaz jitratta u jiddelibera l-kontenut tal-pre-sentencing report aktar u aktar minhabba l-konkluzzjoni ferm iebsa li gew rakkomandati. Lanqas ma jidher mill-inkartament ta’ dawk il-proceduri li r-rikorrenti gie mistoqsi jekk huwa ridx

li jibqa' ma jkunx assistit minn xi avukat jew prokuratur legali kif titlob l-Kodici Kriminali;

Illi minkejja dan in-nuqqas, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali xorta wahda fid-9 ta' Mejju 2003 wara li rat il-pre-sentencing report li rrikomanda li r-rikorrenti jintbaghat terminu ta' prigunerija kkundannat lir-rikorrenti terminu ta' sentejn prigunerija.

Illi r-rikorrenti umilment jhoss li huwa ma nghatax d-dritt ta' smiegh xieraq u dan fid-dawl tal-fatti kif elenkati u kif ser jigu dettaljatament mfissra quddiem dina l-Onorabbli Qorti u minhabba dan in-nuqqas id-drittijiet fundamentali tieghu gew lezi u miksura.

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li jigi dikjarat u deciz illi d-drittijiet fundamentali tieghu gew lezi u miskura waqt il-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur C. Magri) vs Noel Aquilina" li gew decizi fid-9 ta' Mejju 2003 u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319) minhabba tali vjolazzjonijiet il-proceduri kriminali fuq indikati huma null u minghajr effett u taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi ohra li tqis xierqa sabiex jitharsu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u tordna ukoll lill-intimat jew min minnhom li jhallsu lill-esponenti l-kumpens li hija tistabilixxi bhala xieraq u adegwat ghall-ksur ta' l-istess drittijiet umani u fundamentali bl-ispejjes.

Rat ir-risposta tal-intimati Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija fejn gie sottomess:-

Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrent ma jghidx jekk appellax mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-Prim'Istanza. Jekk dan m'ghamlux, allura huwa ma jistax issa jippretendi li ghandu drittijiet tieghu li allegatament gew miksura meta huwa ma utilizzax il-mezzi ordinarji li kienet tipprovdilu l-ligi ghal dan l-iskop.

Illi fil-verita' inzammu ftit seduti – forsi tlieta b' kollox – quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, u proprju fl-ewwel seduta, fejn ir-rikorrenti certament li kien assistit mill-

avukat precedenti tieghu Dottor Franco Debono, huwa ammetta l-akkuzi kontrih.  Stranament, dan il-fatt ma jissemma mkien fir-rikors promotur.

Illi ghalhekk il-prezenza ta' avukat minn dak il-punt 'il quddiem ma kienetx daqstant relevanti ghall-htija o meno tar-rikorrent, billi l-procedura li kien fadal kienet tikkonsisti fis-sottomissjoni tas-"sentencing report" u l-ghoti tas-sentenza mill-Magistrat.  Galadarba r-rikorrent kien ammetta l-akkuzi, ma kien hemm xejn aktar x'isir mill-avukat tieghu u l-kawza setghet tipproceduri fl-assenza tieghu, kif kien jaf ben tajjeb il-Magistrat.

Illi terga', hekk kif inghatat is-sentenza, l-ufficcjal prosekutur l-Ispettur Carmel Magri minn jeddu informa lir-rikorrent illi huwa seta', jekk ried, jitlob is-sospensjoni tas-sentenza u mbaghad jappella minnha, kif fil-fatt ir-rikorrent kien pront ghamel.

Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jixtiequ jissottomettu illi sentenza ta' prigunerija ghal persuna li wettqet zewg reati, wiehed ta' serq u l-iehor ta' ricettazzjoni, hija pjuttost "lenient" milli severa.  Ghalhekk altru milli l-Ewwel Qorti ivvjolatlu xi drittijiet fundamentali, ir-rikorrent ghandu jghodd ruhu ixxurtjat bis-sentenza moghtija lilu.

Ghalhekk l-intimati talbu li r-rikors tar-rikorrenti jigi respint.

Semghet lix-xhud prodott mir-rikorrenti.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti.

Rat il-process kriminali tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Noel Aquilina" deciza fid- 9 ta' Mejju 2003.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti

Semghet lix-xhud prodott mill-intimati.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimati.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Fatti**

Jirrizulta li r-rikorrenti fis-sena 2002 kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali akkuzat li flimkien ma persuna ohra huwa kien wettaq diversi reati f’Marsaskala. Din ma kinitx l-ewwel darba li r-rikorrenti kien qed jiffaccja proceduri kriminali. Fil-kors tal-imsemmija proceduri penali r-rikorrenti ma kienx deher ghal-ewwel seduta pero’ fit-tieni seduta huwa ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu. Jidher li f’din is-seduta, cioe’ meta r-rikorrenti ammetta, huwa ma kienx assistit minn avukat ta’ fiducja tieghu u jidher ukol li l-avukat ta’ fiducja tar-rikorrenti kien fil-bini tal-Qorti pero’ ma kienx fl-awla fejn kienu qed isiru l-proceduri kontra r-rikorrenti. Sussegwentement ir-rikorrenti, kull meta deher, ma kienx assistit minn avukat.

Ma jirrizultax li l-Qorti, fl-imsemmija proceduri, qatt innominat avukat biex jassisti lir-rikorrenti. Lanqas ma jirrizulta li r-rikorrenti qatt gie mitlub mill-Qorti jekk xtaqx li jigi nnominat avukat tal-Ghajnuna Legali biex jassistih jew jekk huwa riedx jaghzel li ma jkunx assistit u jiddefendi lilu nnifsu. In vista ta’ dan kollu fis-seduti ta’ meta r-rikorrenti ammetta l-imputazzjonijiet u ta’ meta nghatat is-sentenza r-rikorrenti ma kienx assistit minn avukat, ghalkemm ma jistax jigi eskluz li fis-seduta fejn ir-rikorrenti ammetta huwa qabel ametta kkonsulta mad-dfensur tieghu.

Fil-kors tal-imsemmija proceduri kriminali ufficjal tal-“probation” ippresenta dak li jissejjah “pre-sentencing report” li effettivament jirrakomanda t-terminu ta’ prigunerija li ghandu jigi impost fuq ir-rikorrenti f’kaz ta’ kundanna. Jidher li dan ir-rapport ma setghax jitqies li kien favorevoli ghar-rikorrenti. Anke hawn ir-rikorrenti ma kienx assistit u rega ma giex nominat avukat biex jiehu hsieb l-interessi tieghu. Ghalhekk l-imsemmi rapport ma giex

trattat u ma saru ebda domandi lill-ufficjal li hejja r-rapport. Lanqas ma saret trattazzjoni da parti tar-rikorrenti dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jew dwar l-eventwali piena li kella tigi imposta fuqu. Ir-rikorrenti nstab hati u gie kundannat ghal terminu ta’ sentejn prigunerija. Ir-rikorrenti appella min din is-sentenza, pero’ dan l-appell jinsab differit “sine die” sakhemm jigu decizi b’mod finali l-presenti proceduri.

**Sottomissjonijiet u talbiet tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti sostna li, fl-imsemmija cirkostanzi, huwa ma nghatax id-dritt ta’ smiegh xieraq u ghalhekk, skond huwa, gew lezi u miksura fil konfront tieghu d-drittijiet fundamentali tieghu. Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li jigi dikjarat li d-drittijiet fundamentali tieghu gew lezi u miskura waqt il-proceduri fuq imsemmija u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-provedimenti relattivi tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319). Talab ukoll li jigi dikjarat li minhabba l-istess vjolazzjonijiet il-proceduri kriminali huma nulli u minghajr effett u talab ukoll li jinghataw dawk l-ordnijiet u direttivi kollha xierqa sabiex jigu mharsin d-drittijiet fundamentali tieghu. Ir-rikorrenti talab ukoll li l-intimati, jew min minnhom, jigu koundannati jhallsu kumpens xieraq u adegwat ghall-imsemmija vjolazzjonijiet.

**Risposta taz-zewg intimati**

L-intimati rrilevaw li r-rikorrent naqas li jindika jekk appellax mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fil-prima istanza. L-intimati jissottomettu li jekk ir-rikorrenti ma appellax allura ma jistax jipprocerdi b’dawn il-proceduri peress li huwa effettivament ma utilizzax il-mezzi ordinarji disponibbli skond il-ligi. F’dan ir-rigward ir-rikorrenti fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu ddikjara li huwa fil fatt appella u li s-smiegh tal-appell ma tkomplix sakhemm jigu decizi dawn il-proceduri. Jjirrizulta ghalhekk li effettivament ir-rikorrenti utilizza l-proceduri kollha li kienu disponobbli ghalih. In effett l-intimati rtiraw din l-eccezzjoni taghhom u kwindi l-Qorti mhux ser tiehu aktar konjizzjoni tal-istess sottomissjoni.

L-intimati jkomplu jissottomettu li meta r-rikorrenti ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu hu kien assistit minn avukat ta' fiducja tieghu. L-intimati jinnotaw ukoll li r-rikorrenti stranament naqas milli jsemmi dan l-ahhar fatt. Skond l-intimati minn meta r-rikorrenti ammetta, l-prezenza ta' avukat biex jiehu hsieb l-interessi tieghu ma kienitx necessarja biex tigi stabbilita l-htija o meno tar-rikorrent u kull ma kien jonqos kien li jigi presentat "sentencing report" u wara tinghata s-sentenza. L-intimai jissottomettu ukoll li la darba r-rikorrent ammetta l-akkuzi, konsegwentement id-difensur tieghu ma kellu xejn aktar x'jaghmel. Il-kawza setghet tipprocedi fl-assenza ta' avukat difensur. L-intimati jsostnu ukoll li sentenza ta' prigunerija ghal persuna li wettqet zewg reati ma tistax tkun konsidrata bhala severa. L-intimati kkonkludew billi rrimarkaw li r-rikorrenti ghandu "jghodd ruhu ixxurtjat" bis-sentenza moghtija lilu.

**Pretensjonijiet tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti qed jilmenta li gew lesi fil-konfront tieghu d-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-ewwel skeda tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta). Dawn iz-zewg artkolu jipprotegu d-dritt ta' kull cittadin li fi proceduri kriminali jkun hemm smigh xieraq u imparzjali jew ikun hemm "a fair trial." F'dan ir-rigward ir-rikorrenti jsostni li rrispettivament tal-ammissjoni tieghu fil-proceduri in kwestjoni kuwa kellu jigi mfisser x'kienu d-drittijiet legali tieghu u kellu ukoll id-dritt li jkun assistit f'kull stadju tal-proceduri. Ir-rikorrenti fl-ebda hin ma ghazel espressament li jiddefendi lilu nnifsu.

**Konstatazzjonijiet tal-Qorti**

Kuntrarjament ghal dak li gie sottomess mill-intimati ghandu jinghad li anke wara li r-rikorrenti ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hu kellu d-dritt li jkun assistrit minn avukat. Difatti wara li r-rikorrenti ammetta l-imputazzjonijiet gie presentat is-"sentencing report" mill-ufficjal li gie nominat biex jissottmettih. Dan l-istess

rapport kellu jigi esaminat mir-rikorrenti u mid-difensur tieghu u setghu ukoll isiru domandi lill-ufficjal li rrediga r-rapport. Wara dan setghet ukoll sartet trattazzjoni dwar l-imputazzjonijiet u dwar il-piena. Inoltre ma jirrizultax li r-rikorrenti gie avzat li huwa seta jaghzel li jigi nominat ghalih avukat tal-ghajnuna legali, jew li huwa seta' jiddefendi lilu nnifsu u dan nonostante l-fatt li f'wahda mis-seduti r-rikorrenti kien assistit minn avukat ta' fiducja tieghu. L-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea, li gie citat mir-rikorrenti in sostenn tal-allegazzjonijiet tieghu, specifikament jipprovdi li minn ikun akkuzat b'offiza kriminali ghandu d-ritt li jiddefendi lilu nnifsu jew li jaghzel id-difensur ta' fiducja tieghu u jekk m'ghandux il-mezzi tinghatalu assistenza legali b'xejn. Ghalhekk kull min hu akkuza b'reat kriminali huwa garantit li fil-proceduri penali kontra tieghu huwa jkun adegwatament rappresentat minn avukat. L-imsemmi artikolu jassigura li l-akkuzat jigi difiz effettivament u adegwatament jew billi jaghmel id-difiza tieghu stess jew billi jkollu min jiddefendih cioe' jkollu avukat jassistih. Dan kollu japplika ukoll ghall-imsemmi artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**L-appell tar-rikorrenti**

Kif gia gie rilevat ir-rikorrenti appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u dan l-appell ghadu pendenti u ghalhekk ir-rikorrenti ghad jista jkollu rimedju quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sens li ghad jista jinghata l-fakulta' li jaghmel domandi lill-ufficjal li rrediga s-"sentencing report" u ghad jista jittratta dwar l-imputazzjonijiet u dwar il-piena. Konsegwentement f'dan l-istadju dawn il-proceduri jistghu jigu konsidrati bhala intempestivi. Jista jinghad li l-procedura tal-appell hija intiza biex tirrimedja ghal nuqqasijiet bhal dawn li huma l-meritu tal-presenti proceduri. Dawn l-istess nuqqassijiet mhux nuqqas ta' formalita' sostanzjali li ggib it-thassir tas-sentenza skond l-artikolu 428(3) Kapitolu 9. Jista jkun li r-rimedju hu li fl-istadju ta' appell ir-rikorrenti jitlob u sussegwentement jinghata l-fakulta' li jaghmel domandi fuq l-imsemmi rapport li gie sottomess fil-kors tal-proceduri in kwestjoni. Tali talba jidher li tista ssir a bazi tal-provedimenti tal-artikolu 424 tal-istess Kap.9.

Hu fallaci l-argument tal-intimati illi la darba ir-rikorrenti ammetta l-htija tieghu ma kienx necessarju li jigu trattati kemm l-imputazzjonijiet kif ukoll il-piena. Il-fatt li d-difensur ta' dak iz-zmien tar-rikorrenti naqas li jidhol fl-awla meta mghajjat ma jirrefletti bl-ebda mod negattiv fuq ir-rikorrenti li xorta jibqalu d-dritt li jkun assistit min avukat. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li fl-ebda hin ir-rikorrenti ma gie mistoqsi jekk huwa riedx jiddefendi ruhu huwa stess u jekk fl-affermattiv allura ma kienx hemm bzonn li jigi nominat avuhat tal-ghinuna legali. Jigi inoltre rilevat li r-rikorrenti kellu kull dritt li jaghmel il-kontroezami lil min irrediga r-rapport in kwestjoni liema dritt johrog mll-ligi stess. Ir-rapport sar min minn gie appuntat mill-Qorti u ghalhekk tali ufficjal ma jista qatt jitqies li hu xhud prodott mill-akkuzat jew ahjar mir-rikorrenti.

Il-Qorti thoss li ghandha tikkumenta fuq is-sottomissjoni tal-intimati fis-sens li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrat hi wahda hafifa u mhux severa u li r-rikorrenti ghandu ihossu ffortunat li nghata l-piena li nghata. Il-Qorti thoss li dan il-kumment hu barra min loku u ma jaghmel ebda gieh lill-hadd. Ir-rikorrenti ghandu kull dritt moghti lilu mill-kostituzzjoni, l-oghla ligi tal-pajjiz, li jinizzja l-presenti proceduri. Id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kollha, inkluz dak in kwestjoni f'dawn il-proceduri cioe'd-dritt ghal smiegh xieraq u imparzajali, ghandhom dejjem u fi kwalunkwe kaz jigu salvagwardati. Dan irrispettivament tal-persuna akkuzata u tal-gravita' tal-akkuzi addebitati. Hawnhekk mhux il-kaz li r-rikorrenti qed "jiehu cans" biex inaqqas il-piena. Mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li b'xi mod tirriduci l-pieni inflitti minn Qrati kompetenti. Il-funzjoni ta' din il-Qorti hu li tesamina jekk sarx ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u jekk il-vjolazzjoni tirrizulta hu l-kompitu ta' din il-Qorti li taghti r-rimedju adegwat sabiex id-drittijiet tar-rikorrenti jigu salvagwardati. Inoltre r-rikorrenti appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti u hu fl-appell li r-rikorrenti jista jitlob li tigi ghal kollox imhassra jew ridotta l-piena inflitta fuqu.

**Konkluzjoni**

In vista ta' dak kollu li gie premess din l-azzjoni tar-rikorrenti ghandha titqies li hi intempestiva u ghalhekk dawn il-proceduri ghandhom jigu differiti "sine die" sakhemm jigi deciz l-appell tar-rikorrenti mis-sentenza "de qua" tal-Qorti tal-Magistrati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tiddikjara li din l-azzjoni hi intempestiva u konsegwentement din il-kawza qed tigi differita "sine die" riappuntabbli anke fuq talba verbali tar-rikorrenti jew tal-intimati u liema talba ghandha ssir mhux aktar tard minn xahar minn meta jigi deciz b'mod finali l-appell tar-rikorrenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur C. Magri) vs Noel Aquilina" deciza fid-9 ta' Mejju 2003.

In vista tac-cirkostanzi partikolari l-ispejjez inkorsi s'issa jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------